DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/193

tas-7 ta' Frar 2018

li tawtorizza laboratorji fil-Brażil u fil-Federazzjoni Russa jwettqu t-testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effikaċja tat-tilqim kontra r-rabja fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa

(notifikata bid-dokument C(2018) 593)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effikaċja tat-tilqim kontra l-idrofobija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE ([2]) tipprevedi sistema alternattiva għall-kwarantina għar-rabja, għad-dħul ta' ċerti karnivori domestiċi fl-Istati Membri. B'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva, dik is-sistema teħtieġ, fil-każ tal-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa minn ċerti pajjiżi terzi, kontrolli fuq l-effikaċja tat-tilqim ta' dawk l-annimali bit-titrazzjoni tal-antikorpi.

(2) Dawn il-kontrolli huma meħtieġa wkoll skont l-Artikolu 10(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) fir-rigward tal-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa minn ċerti pajjiżi terzi.

(3) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE ħatret lill-*Agence française de sécurité sanitaire des aliments* (l-AFSSA) f'Nancy, Franza, bħala l-istitut speċifiku responsabbli mill-iffissar tal-kriterji meħtieġa biex jiġu standardizzati t-testijiet seroloġiċi għall-monitoraġġ tal-effikaċja tat-tilqim kontra r-rabja. L-AFSSA issa ġiet integrata fl-*Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail* (l-ANSES) fi Franza.

(4) Fost l-oħrajn, id-Deċiżjoni 2000/258/KE tipprevedi li l-ANSES għandha tivvaluta l-laboratorji f'pajjiżi terzi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni biex iwettqu t-testijiet seroloġiċi għall-monitoraġġ tal-effikaċja tal-vaċċini kontra r-rabja.

(5) L-awtorità kompetenti tal-Brażil ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju "TECSA LABORATÓRIOS LTDA" f'Belo Horizonte, li għaliha l-ANSES stabbiliet u ressqet rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tat-23 ta' Ottubru 2017.

(6) L-awtorizzazzjoni mogħtija fil-31 ta' Jannar 2006 b'konformità mad-Deċiżjoni 2000/258/KE lill-"Instituto Pasteur" f'São Paulo, il-Brażil, ġiet irtirata b'konformita mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/436/UE ([4]) wara r-rapport ta' valutazzjoni sfavorevoli stabbilit mill-ANSES bid-data tat-30 ta' Settembru 2011 għal dan il-laboratorju u mressaq lill-Kummissjoni.

(7) L-awtorità kompetenti tal-Brażil ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-ġdid tal-"Instituto Pasteur" f'São Paulo, li dwaru l-ANSES stabbiliet u ressqet rapport ta' valutazzjoni favorevoli bid-data tat-23 ta' Ottubru 2017 lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.

([2]) Id-Direttiva 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54);

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/436/UE tad-9 ta' Awwissu 2010 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE fir-rigward tat-testijiet ta' proficjenza għall-finijiet taż-żamma tal-awtorizzazzjonijiet tal-laboratorji biex iwettqu testijiet seroloġiċi biex jimmonitorizzaw l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija (ĠU L 209, 10.8.2010, p. 19).

(8) L-awtorità kompetenti tal-Federazzjoni Russa ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorji "NoviStem LLC" f'Moska u "Institute of Veterinary Medicine Biotechnology LLC (IBVM)" f'Volginski, li dwarhom l-ANSES stabbiliet u ressqet rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tat-23 ta' Ottubru 2017.

(9) Il-laboratorji "TECSA LABORATÓRIOS LTDA" f'Belo Horizonte, "Instituto Pasteur" f'São Paulo, "NoviStem LLC" f'Moska u "Institute of Veterinary Medicine Biotechnology LLC (IBVM)" f'Volginski, għandhom għalhekk jiġu awtorizzati biex iwettqu t-testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effikaċja tat-tilqim kontra r-rabja fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2000/258/KE, il-laboratorji li ġejjin huma awtorizzati jwettqu t-testijiet seroloġiċi biex jissorveljaw l-effikaċja tat-tilqim kontra r-rabja fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa:

(a) TECSA LABORATÓRIOS LTDA
Avenida do Contorno, 6226º
Funcionários — CEP: 30110-042
Belo Horizonte/MG
Brazil

(b) Instituto Pasteur
Avenida Paulista,
393 Cerqueira César
São Paulo
Brazil

(c) Institute of Veterinary Medicine Biotechnology LLC (IBVM)
27 Starovskogo ulitsa,
Volginski urban locality,
Petushinski region
Vladimir oblast,
Russian Federation

(d) NoviStem LLC
2-oy Roshchinski Proyezd,
Block 8, Building 5, Office 2
Moscow
Russian Federation

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni